— tannulla d-Digriet T-351/11, tat-13 ta' Lulju 2011, li jikkonstata li r-rikors huwa inammissibbli;

— tirrinvija l-appellant quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex ikun jista' jsostni d-drittijiet tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tbati l-ispejjeż skont l-Artikoli 69 u 73 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant iqajjem l-aggravji li ġejjin:

— Il-forza maġġuri minħabba l-gwerra li tinterrompi l-preskrizzjoni. L-avvenimenti, li r-rikorrenti kien ikkonfrontat bihom minn Novembru 2010 fil- Côte d'Ivoire, jikkostitwixxu każ ta' forza maġġuri, skont l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-istat ta' gwerra li għandu l-effett li jinterrompi t-termini ta' preskrizzjoni tal-atti meħuda kontra tiegħu mill-Kunsill.

— Dan il-każ ta' forza maġġuri minħabba l-gwerra jostakola l-possibbiltà tal-appellant li jkun jista' jeżerċita liberament id-dritt tiegħu ta' rikors kontra atti li manifestament jiksru drittijiet fundamentali.

— Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jieħdu preċedenza fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali. Billi tinvoka l-prinċipju ta' ċertezza legali sabiex tiddikjara inammissibbli t-talba tal-appellant, il-Qorti Ġenerali tikser id-dritt fundamentali ta' aċċess għal qorti u d-drittijiet tad-difiża. B'hekk l-appellant kien imċaħħad mid-dritt tiegħu għal smigħ minn qorti kompetenti.

— In-nuqas ta' infurzabbiltà tat-terminu ta' distanza u tat-terminu għall-preżentata ta' rikors fil-każ ta' gwerra. It-terminu ta' distanza u t-terminu għall-preżentata ta' rikors ma jistgħux jiġu infurzati fir-rigward ta' destinatarju residenti fi Stat fi gwerra miftuħa. Tali termini jistgħu jkunu applikabbli biss fi żmien ta' paċi u fil-kontinent Ewropew. Issa, l-appellant jinsab f'kontinent ieħor u, minħabba f'hekk, l-applikazzjoni stretta tal-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali fil-każ ta' din il-kawża hija mingħajr dubju bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

— Il-preminenza tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jirrendi null kull obbligu ta' notifika kif previst mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprovdi li t-terminu għall-preżentata ta' rikors jibda jiddekorri min-notifika jew mill-publikazzjoni jew minn meta l-persuna kkonċernata saret taf bl-att. Fil-fatt, l-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura ma jinkludix l-obbligu ta' notifika u ma jieħux inkunsiderazzjoni l-jum li fih ir-rikorrent sar effettivament jaf bl-att, u b'hekk jillimita t-test u l-għan tal-Artikolu 263 TFUE. Minħabba f'hekk, l-Artikolu 102 jippreġudika d-drittijiet previsti u protetti mit-Trattat, li għandu valur ġuridiku għola u li jorbot lill-istituzzjonijiet li jiffurmaw l-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, peress li l-atti kkontestati ma ġewx innotifikati lill-appellant u dan, bi ksur tal-Artikolu 263(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-terminu għall-preżentata ta' rikors jista' jibda jiddekorri biss mill-mument li fih huwa sar jaf bl-atti meħuda kontrih.

— Ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet fundamentali. Il-prinċipju ta' ċertezza legali kif stabbilit mill-Qorti Ġenerali jippreġudika serjament iċ-ċertezza legali kollha kemm hi peress li l-individwi residenti barra l-Unjoni Ewropea u residenti f'pajjiż fi gwerra huma imposti sanzjonijiet li kontrihom huma ma jistgħux effettivament jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' rikors peress li huma ma jkunux jafu bis-sanzjoni.

— Sussidjarjament, l-appellant jitlob l-annullament tal-atti meħuda kontrih mill-Kunsill minħabba l-gravità tal-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali. Peress li l-atti kkontestati jiksru libertajiet fundamentali protetti minn trattati internazzjonali differenti, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tannulla l-imsemmija atti sa fejn l-illegalità tagħhom tikser l-ordni Ewropew stabbilit u minħabba li ebda terminu għall-preżentata ta' rikors ma jista' jiġi infurzat minħabba l-gravità tal-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali protetti.

---

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2011 minn Affi Pascal N'Guessan mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-13 ta' Lulju 2011 fil-Kawża T-352/11, N'Guessan vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-482/11 P)**

(2012/C 6/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Affi Pascal N'Guessan (rappreżentanti: L. Bourthoumieux, J. Vergès, R. Dumas u M. Ceccaldi, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet tal-appellant

— tiddikjara r-rikors ta' Affi Pascal N'Guessan ammissibbli;

— tannulla d-Digriet T-352/11 tat-13 ta' Lulju 2011 li jikkonstata l-inammissibbiltà tar-rikors;

— jirrinvija lir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex ikun jista' jinvoka d-drittijiet tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jbati l-ispejjeż skont l-Artikoli 69 u 73 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant ressaq l-aggravji li ġejjin:

— Il-forza maġġuri minħabba li l-gwerra tinterrompi l-preskrizzjoni. L-avvenimenti, li l-appellant kienu ilu jikkonfronta mix-xahar ta' Novembru 2010 fil-Côte d'Ivoire, jikkostitwixxu każ ta' forza maġġuri, fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minħabba li l-istat ta' gwerra jinterrompi t-termini ta' preskrizzjoni għall-atti adottati fil-konfronti tiegħu mill-Kunsill.

— Dan il-każ ta' forza maġġuri minħabba l-gwerra jfixkel il-possibbiltà tal-appellant li jeżerċita liberament id-dritt tiegħu li jikkontesta atti li manifestament imorru kontra d-drittijiet fundamentali.

— Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali huma superjuri għall-prinċipju ta' ċertezza legali. Billi invokat il-prinċipju ta' ċertezza legali sabiex tiddikjara inammissibbli talba tal-appellant, il-Qorti Ġenerali ppreġudikat id-dritt fundamentali ta' aċċess għal qorti u għad-drittijiet tad-difiża. L-appellant b'hekk ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu għal smigħ minn qorti kompetenti.

— In-nuqqas ta' infurzabbiltà tat-terminu għal raġuni ta' distanza u tat-terminu ta' appell fil-każ ta' gwerra. It-terminu għal raġuni ta' distanza u t-terminu ta' appell ma jistgħux jiġu kkontestati fil-konfront ta' destinatarju residenti fi Stat fejn hemm gwerra għaddejja. Termini bħal dawn ma jkunux applikabbli għajr fi żmien ta' paċi u fil-kontinent Ewropew. Issa, l-appellant jinsab f'kontinent ieħor u, għalhekk, l-applikazzjoni stretta tal-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura fil-każ preżenti hija b'mod ċar bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

— Is-superjorità tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 102 tar-Regoli ta' Proċedura tinvalida kwalunkwe notifika kif previst mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprevedi li t-terminu tal-appell jibda jiddekorri mid-data tan-notifika jew tal-pubblikazzjoni, jew meta l-persuna tkun saret taf bl-att. Fil-fatt, l-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura ma jinkludux l-obbligu ta' notifika u ma jieħux inkunsiderazzjoni l-jum li fih ir-rikorrent sar effettivament jaf bl-att, u b'hekk jillimita l-ittra u l-ispirtu tal-Artikolu 263 TFUE. Għalhekk, l-Artikolu 102 jippreġudika d-drittijiet previsti u protetti mit-Trattat, li għandu valur legali superjuri u li jorbot lill-istituzzjonijiet li jifformaw l-Unjoni Ewropea Konsegwentement, l-atti kkontestati li ma ġewx innotifikati lill-appellant u dan, bi ksur tal-Artikolu 263(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-terminu ta' appell seta' jibda jiddekorri biss mill-mument li huwa jkun sar jaf bl-atti adottati fil-konfront tiegħu.

— Preġudizzju serju tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali. Il-prinċipju ta' ċertezza legali, kif stabbilit mill-Qorti Ġenerali serjament idgħajjef iċ-ċertezza legali kollha kemm hi peress li l-partijiet li jgħixu barra l-Unjoni Ewropea u li jgħixu f'pajjiż fi stat ta' gwerra ser isibu sanzjonijiet li kontrihom ma jkunux jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' azzjoni ġudizzjarja peress li dawn ma jkunux jafu bis-sanzjoni.

— Sussidjarjament, l-appellant jitlob l-annullament tal-atti adottati fil-konfront tiegħu mill-Kunsill minħabba l-gravità tal-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali. Billi l-miżuri kkontestati jiksru l-libertajiet fundamentali protetti mill-varji trattati internazzjonali, il-Qorti Ġenerali għandha tannulla l-imsemmija atti illegali peress li jmorru kontra l-ordni Ewropew stabbilit u peress li l-ebda terminu ta' appell ma jista' jiġi kkontestat minħabba s-serjetà tal-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali protetti.

---

# Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākās tiesas Senāts (ir-Repubblika tal-Latvja) fis-17 ta' Ottubru 2011 — SIA "Mednis" vs Valsts ieņēmumu dienests

**(Kawża C-525/11)**

(2012/C 6/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

## Qorti tar-rinviju

Augstākās tiesas Senāts (Il-Latvja)